REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/706

tat-30 ta' April 2015

li jniedi investigazzjoni dwar il-possibilità ta' ċirkomvenzjoni tal-miżuri antidumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/82 fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina minn importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku kkunsinnati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja u kemm jekk le, u li jagħmel tali importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) (ir-Regolament bażiku) u b'mod partikolari l-Artikoli 13(3) u 14(5) tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

A. **TNEDIJA TA' INVESTIGAZZJONI *EX OFFICIO***

(1) Il-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) iddeċidiet, skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku li tinvestiga fuq inizjattiva proprja l-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni tal-miżuri antidumping imposti fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li tagħmel l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku kkunsinnati mill-Malasja soġġetti għar-reġistrazzjoni, kemm jekk dawn ikunu ddikjarati li joriġinaw mill-Malasja u kemm jekk le.

B. **PRODOTT**

(2) Il-prodott ikkonċernat mill-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni huwa l-aċidu ċitriku (inkluż iċ-ċitrat trisodiku diidrat), li jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 2918 14 00 u ex 2918 15 00 u li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (il-prodott ikkonċernat).

(3) Il-prodott investigat huwa l-istess bħal dak definit fil-premessa preċedenti, iżda kkunsinnat mill-Malasja, kemm jekk iddikjarat li joriġina mill-Malasja u kemm jekk le, u li bħalissa jaqa' taħt l-istess kodiċi NM bħall-prodott ikkonċernat (il-prodott investigat).

C. **MIŻURI EŻISTENTI**

(4) Il-miżuri li bħalissa huma fis-seħħ u li possibilment qiegħed ikun hemm ċirkomvenzjoni tagħhom huma miżuri antidumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/82 ([2]) (il-miżuri eżistenti).

D. **RAĠUNIJIET**

(5) Il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza *prima facie* li turi li, permezz ta' importazzjonijiet mill-Malasja tal-prodott investigat, qiegħda ssir ċirkomvenzjoni tal-miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

(6) L-evidenza *prima facie* għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni hija din li ġejja.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/82 tal-21 ta' Jannar 2015 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u ta' rieżamijiet interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 15, 22.1.2015, p. 8.)

(7) It-tagħrif li għandha l-Kummissjoni għad-dispożizzjoni tagħha juri li kien hemm bidla sinifikanti fil-mod ta' kif isir il-kummerċ li jinvolvi l-esportazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mill-Malasja lejn l-Unjoni, wara l-impożizzjoni ta' miżuri fuq il-prodott ikkonċernat, ([1]) u din il-bidla m'għandhiex raġuni jew ġustifikazzjoni ekonomika b'saħħitha biżżejjed, għajr dik tal-impożizzjoni tad-dazju.

(8) Din il-bidla tidher li ġejja mill-kunsinna tal-prodott ikkonċernat li jgħaddi mill-Malasja lejn l-Unjoni. Madankollu, l-investigazzjoni tkopri kwalunkwe prattika, proċess jew ħidma li għaliha ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika biżżejjed, għajr dik tal-impożizzjoni tad-dazju antidumping.

(9) Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza *prima facie* li turi li l-effetti korrettivi fuq il-prodott ikkonċernat tal-miżuri antidumping eżistenti qegħdin jiġu mdgħajfin kemm f'termini ta' kwantità kif ukoll fejn jidħol il-prezz. L-importazzjonijiet ta' volumi sinifikanti tal-prodott investigat jidher li ħadu post l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, hemm biżżejjed evidenza *prima facie* li turi li l-importazzjonijiet tal-prodott investigat qed jitwettqu bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezz mhux dannuż stabbilit fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri eżistenti.

(10) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni għandha biżżejjed evidenza *prima facie* li turi li l-prezzijiet tal-prodott investigat huma oġġett ta' dumping meta mqabblin mal-valur normali stabbilit diġà għall-prodott ikkonċernat.

E. **PROĊEDURA**

(11) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li teżisti biżżejjed evidenza biex tiġġustifika t-tnedija ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku u tagħmel obbligatorja r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott investigat, kemm jekk jiġi ddikjarat li joriġinaw mill-Malasja kif ukoll jekk le, f'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(a) **Kwestjonarji**

(12) Sabiex tikseb it-tagħrif li hija tqis neċessarju għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni ser tibgħat kwestjonarji lill-esportaturi/produtturi magħrufin u lill-assoċjazzjonijiet tal-esportaturi/produtturi magħrufin fil-Malasja, lill-esportaturi/produtturi magħrufin u l-assoċjazzjonijiet tal-esportaturi/produtturi magħrufin fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, lill-importaturi magħrufin u lill-assoċjazzjonijiet tal-importaturi magħrufin fl-Unjoni u lill-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina u tal-Malasja. Jekk ikun meħtieġ, jista' wkoll jintalab tagħrif mingħand l-industrija tal-Unjoni.

(13) F'kull eventwalità, il-partijiet interessati kollha għandhom jikkuntattjaw lill-Kummissjoni minnufih, u mhux iktar tard mil-limiti ta' żmien stipulat fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, u jitolbu kwestjonarju fil-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament, ġaladarba l-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament japplika għall-partijiet interessati kollha.

(14) L-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina u tal-Malasja ser jiġu nnotifikati f'dan is-sens bit-tnedija tal-investigazzjoni.

(b) **Ġbir ta' tagħrif u seduti ta' smigħ**

(15) Il-partijiet kollha interessati huma b'dan mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, sakemm jagħmlu talba bil-miktub u juru li hemm raġunijiet partikolari għalfejn dawn għandhom jinstemgħu.

(c) **Eżenzjoni mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jew mill-miżuri**

(16) F'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, importazzjonijiet tal-prodott investigat jistgħu jiġu eżentati mir-reġistrazzjoni jew mill-miżuri jekk l-importazzjoni ma tkunx tikkostitwixxi ċirkomvenzjoni.

([1]) Il-miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġinaw mir-RPĊ kienu ġew imposti oriġinarjament mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1193/2008 (ĠU L 323, 3.12.2008, p. 1). Il-miżuri antidumping inżammu fis-seħħ, wara li sar rieżami ta' skadenza, mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/82.

(17) Billi l-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni sseħħ barra mill-Unjoni, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet, f'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, lill-produtturi tal-aċidu ċitriku fil-Malasja, li jistgħu juru li ma huma relatati ([1]) mal-ebda produttur soġġett għall-miżuri eżistenti ([2]) u li jinstab li ma jkunux involuti fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni kif definiti fl-Artikoli 13(1) u 13(2) tar-Regolament bażiku. Il-produtturi li jixtiequ jiksbu eżenzjoni għandhom iressqu talba sostnuta kif dovut minn evidenza fil-limitu ta' żmien indikat fl-Artikolu 3(3) ta' dan ir-Regolament.

F. **REĠISTRAZZJONI**

(18) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott investigat għandhom ikunu soġġetti għar-reġistrazzjoni sabiex ikun żgurat li, jekk l-investigazzjoni twassal għall-konklużjonijiet ta' ċirkomvenzjoni, ikun jista' jiġi impost ammont xieraq ta' dazji tal-antidumping mid-data ta' impożizzjoni tar-reġistrazzjoni ta' tali importazzjonijiet ikkunsinnati mill-Malasja.

G. **LIMITI TA' ŻMIEN**

(19) Sabiex ikun hemm amministrazzjoni tajba, għandhom jiġu ddikjarati l-limiti ta' żmien li fihom:

— il-partijiet interessati jkunu jistgħu jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-eżistenza tagħhom, jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub u jressqu t-tweġibiet għall-kwestjonarju jew kull tagħrif ieħor li għandu jitqies matul l-investigazzjoni;

— il-produtturi fil-Malasja jkunu jistgħu jitolbu eżenzjoni mir-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet jew miżuri,

— il-partijiet interessati jkunu jistgħu jagħmlu talba bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni.

(20) Ta' min jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżerċitar tal-biċċa l-kbira tad-drittijiet proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku jiddependi mill-fatt li l-parti tgħarraf lill-Kummissjoni bl-eżistenza tagħha fil-limiti ta' żmien indikati fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

H. **NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI**

(21) Jekk jagħti l-każ li xi parti interessata tiċħad l-aċċess jew ma tipprovdix it-tagħrif meħtieġ fil-limiti ta' żmien, jew tfixkel b'mod sinifikattiv l-investigazzjoni, il-konklużjonijiet, sew jekk pożittivi kif ukoll jekk negattivi, ikunu jistgħu jintlaħqu fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(22) Fejn jinstab illi xi parti interessata tkun ipprovdiet tagħrif mhux minnu jew qarrieqi, tali tagħrif ma jitqiesx u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.

(23) Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment u minħabba f'hekk il-konklużjonijiet ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, l-eżitu jista' jkun anqas favorevoli għal dik il-parti milli seta' jkun kieku kkooperat.

(24) In-nuqqas li tingħata risposta kompjuterizzata ma jiġix ikkunsidrat bħala nuqqas ta' kooperazzjoni, dejjem jekk il-parti interessata turi li biex tippreżenta r-risposta kif mitlub ikun ifisser piż żejjed mhux raġonevoli jew spiża addizzjonali mhux raġonevoli. Il-parti interessata għandha tikkuntattja lill-Kummissjoni minnufih.

([1]) F'konformità mal-Artikolu 143 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1), il-persuni jitqiesu li jiġu minn xulxin biss jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju ta' xulxin; (b) ikunu legalment rikonoxxuti bħala soċji fin-negozju; (c) ikunu min jimpjiega u impjegat; (d) kull persuna li direttament jew indirettament tippossjedi, tikkontrolla jew ikollha 5 % jew aktar tal-ishma jew ta' kwoti ta' ishma li jivvutaw jew tat-tnejn; (e) wieħed minnhom, direttament jew indirettament jikkontrolla lill-ieħor; (f) it-tnejn li huma huma direttament jew indirettament ikkontrollati minn terza persuna; (g) flimkien huma direttament jew indirettament jikkontrollaw terza persuna; jew (h) huma membri tal-istess familja. Persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom biss ir-relazzjonijiet li ġejjin bejniethom: (i) konjuġi, (ii) ġenituri u wild, (iii) aħwa (sew jekk tal-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nanniet u neputijiet, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenituri jew ulied tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. F'dan il-kuntest "persuna" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika.

([2]) Madankollu, anke jekk, skont kif jissemma hawn fuq, il-produtturi jkunu relatati ma' kumpaniji soġġetti għall-miżuri eżistenti, xorta waħda tkun tista' tingħata eżenzjoni jekk ma jkunx hemm evidenza li r-relazzjoni mal-kumpaniji soġġetti għall-miżuri eżistenti tkun ġiet stabbilita jew użata biex ikun hemm ċirkomvenzjoni ta' tali miżuri.

I. **SKEDA TAL-INVESTIGAZZJONI**

(25) L-investigazzjoni ser tintemm, skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, fi żmien disa' xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

J. **PROĊESSAR TAD-DEJTA PERSONALI**

(26) Ta' min jinnota li kull dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni ser tiġi trattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

K. **UFFIĊJAL TAS-SEDUTA**

(27) Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina t-talbiet għal aċċess għall-fajl, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-limiti ta' żmien u t-talbiet minn partijiet terzi għal smigħ. L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduta ta' smigħ ma' parti interessata individwali u jagħmilha ta' medjatur sabiex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jiġu eżerċitati b'mod sħiħ.

(28) It-talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. Għal seduti ta' smigħ dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-fażi inizjali tal-investigazzjoni, it-talba trid titressaq fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament tal-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Wara dan, it-talba għal smigħ trid titressaq fl-iskadenzi speċifiċi stipulati mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet.

(29) L-Uffiċjal tas-Seduta jipprovdi wkoll opportunitajiet biex issir seduta ta' smigħ li tinvolvi lill-partijiet u li tippermetti li jiġu ppreżentati fehmiet differenti u li jitressqu argumenti kuntrarji dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu, fost aspetti oħra, mal-eżistenza ta' modifika tal-konfigurazzjoni tal-kummerċ, ma' raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika (in-)suffiċjenti għal tali bidla, mad-dgħufija tal-effetti korrettivi tal-miżuri eżistenti, u mad-dumping tal-valur normali stabbilit għall-prodott investigat.

(30) Għal aktar tagħrif u dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fis-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'dan qiegħda titnieda investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, sabiex ikun iddeterminat jekk l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' aċidu ċitriku u ċ-ċitrat trisodiku diidrat, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 2918 14 00 (kodiċi TARIC 2918 14 00 10) u ex 2918 15 00 (kodiċi TARIC 2918 15 00 11) ikkunsinnati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati li joriġina mill-Malasja u kemm jekk le, humiex iwasslu għaċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/82.

Artikolu 2

L-awtoritajiet Doganali, skont l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

Ir-reġistrazzjoni tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

([1]) Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' regolament, titlob lill-awtoritajiet Doganali jwaqqfu r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' prodotti manifatturati minn produtturi li jkunu applikaw għal eżenzjoni mir-reġistrazzjoni u li jkunu nstabu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' eżenzjoni.

Artikolu 3

1. Il-kwestjonarji għandhom jintalbu mill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Sabiex l-osservazzjonijiet tagħhom jiġu kkunsidrati matul l-investigazzjoni, il-partijiet interessati jridu jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-eżistenza tagħhom billi jikkuntattjawha, jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jressqu t-tweġibiet għall-kwestjonarju jew kull tagħrif ieħor fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.

3. Il-produtturi fil-Malasja li jitolbu eżenzjoni mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jew mill-miżuri, jridu jressqu talba sostnuta kif dovut minn evidenza fl-istess limitu ta' żmien ta' 37 jum.

4. Il-partijiet interessati jistgħu wkoll japplikaw sabiex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess limitu ta' żmien ta' 37 jum.

5. It-tagħrif ippreżentat lill-Kummissjoni għall-fini tal-investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ ikun ħieles mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw lill-Kummissjoni tagħrif u/jew dejta soġġetti għad-drittijiet tal-awtur ta' partijiet terzi, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet li jippermetti b'mod espliċitu a) lill-Kummissjoni tuża t-tagħrif u d-dejta għall-iskop ta' dan il-proċediment tad-difiża tal-kummerċ u b) tipprovdi t-tagħrif u/jew id-dejta lill-partijiet interessati għal din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

6. Il-preżentazzjonijiet kollha bil-miktub, inkluż it-tagħrif mitlub f'dan ir-Regolament tal-Kummissjoni, il-kwestjonarji mimlijin u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għaliha jintalab trattament kunfidenzjali jiġu mmarkati bħala "Limited" ([1]) ("Ristrett").

7. Il-partijiet interessati li jipprovdu tagħrif immarkat bħala "Ristrett" huma mitluba jipprovdu sommarji mhux kunfidenzjali ta' dan skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, li jridu jiġu mmarkati "For inspection by interested parties" ("Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati"). Dawn is-sommarji jridu jkunu ddettaljati tant li jippermettu li l-qofol tat-tagħrif imressaq b'mod kunfidenzjali jinftiehem raġonevolment. Jekk parti interessata li tagħti tagħrif kunfidenzjali ma tipprovdix is-sommarju mhux kunfidenzjali tieġħu fil-format u l-kwalità mitluba, dan it-tagħrif jista' jiġi injorat.

8. Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu l-preżentazzjonijiet u t-talbiet kollha permezz tal-posta elettronika inklużi dokumenti skennjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni, bl-eċċezzjoni ta' tweġibiet voluminużi li għandhom jiġu mressqa fuq CD-ROM jew DVD bl-idejn jew permezz ta' ittra reġistrata. Meta jużaw il-posta elettronika, il-partijiet interessati jkunu qed jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għall-preżentazzjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "CORRESPONDENCE WITH THE EUROPEAN COMMISSION IN TRADE DEFENCE CASES" (korrispondenza mal-Kummissjoni Ewropea f'każijiet relatati mad-difiża tal-kummerċ) ippubblikat fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc_148003.pdf. Il-partijiet interessati jridu jindikaw l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-posta elettronika validu tagħhom u għandhom jiżguraw li l-indirizz elettroniku pprovdut ikun indirizz elettroniku tan-negozju uffiċjali operattiv u kkontrollat kuljum. Hekk kif jingħataw lha id-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz tal-posta elettronika biss, ħlief jekk dawn jitolbu espliċitament li d-dokumenti kollha mill-Kummissjoni jintbagħtulhom b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew jekk in-natura tad-dokument li għandu jintbagħat tirrikjedi l-użu ta' posta reġistrata. Għal aktar regoli u tagħrif dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni fosthom il-prinċipji li japplikaw għall-preżentazzjonijiet permezz tal-posta elettronika, il-partijiet interessati għandhom jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

9. L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Office: CHAR 04/039
1040 Brussels
BELGIUM
Posta elettronika: TRADE-R614-CITRIC-CIRCUMVENTION@ec.europa.eu

([1]) Dokument "Ristrett" huwa dokument meqjus kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tal-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (Ftehim dwar l-Antidumping). Huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Artikolu 4

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER